# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 4 ta’ Dicembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Mark Zahra**

**Kumpilazzjoni Nru: 532/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Zahra  detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 449371(M).

Akkuzat talli nhar id-19 ta’ Lulju, 2008, f’xi hin bejn il-5.15pm u s-6.15pm, minn gewwa l-fond numru 49, Casa Bianca, Triq il-Koppla, Fgura:

1. Ikkommetta serq ta’ gojjellerija, kif ukoll flus kontanti, w/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37),  u bil-lok, u  li sar ghad-detriment ta’ Rosa Magri u ta’ Giovanni Maria Magri u/jew ta’ xi persuna/i ohra;
2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax il-Ewro

u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) u li saret ghad-dannu tal-konjugi Magri u/jew ta' xi persuna/i ohra;

3. Ukoll talli kkommetta dawn ir-reati, li ghalihom hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ai termini ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, datata 1 ta' Frar, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

4. Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja kif mahsub f'l-artikoli:

1. 261(b)(c)(e), 263(a), 264(1), 265, 267, 269(g), 278(3), 279(b) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
6. 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet ta'l-imputat f'liema nota giet sollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta'l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u giet sollevata ukoll l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda kaz ta' serq li sehh nhar id-19 ta' Lulju 2008. Dak in-nhar John Mary u Rosa konjugi Magri hargu mir-residenza taghhom u marru l-quddies. Meta rritornaw id-dar fis-6.15pm sabu l-bieb sgassat u hafna taqlib fid-dar; minn verifiki li saru wara rrizulta li kienu nsterqu

diversi oggetti ta' deheb u hagar prejuz kif ukoll flus kontanti. Dwar dan il-kaz kienet saret inkjesta.

Illi l-investigazzjoni inizjali ma kellhiex ezietu pozittiv pero fis-sena 2012 fuq talba ta'l-Avukat Generali l-Magistrat Inkwirenti hatret espert biex jeleva l-impronti digitali u palmari ta'l-imputat ai fini ta' ezami komparattiv ma'l-impronti elevati minn fuq ix-xena tad-delitt; dan l-espert kien Ivan Portelli. Huwa kkonkluda li mit-tlett impronti elevati mix-xena tad-delitt tnejn (Dok 08BPI302 u Dok 08BPI303) ma kellhomx punti karatteristici sufficjenti ai fini ta' ezami komparattiv fil-waqt li wahda (Dok 08BPI301) kienet tajba ai fini ta' ezami komparattiv pero ma kenitx taqbel ma'l-impronti ta'l-imputat.

Illi fuq inizjattiv ta'l-ufficjal investigattiv sar ezami simili minn zewg ufficjali tal-pulizija[1] u huma kkonkludew li l-impronta Dok 08BPI302 kellha punti karatteristici bizzejjed ai fini ta' ezami komparattiv u fil-fatt giet minnhom komparata pozittivament ma'l-impronta ta' l-imputat.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi, fuq talba ta'l-Avukat Generali, il-Magistrat Inkwirenti hatret tlett esperti: Joseph Mallia, Joseph Bongailas u Nathalie Zahra biex jergaw jelevaw l-impronti ta'l-imputat u jaghmlu ezami komparattiv ma'l-impronti elevati mix-xena tad-delitt. Huma ezoneraw l-inkarigu lilhom mghoti u kkonkludew li l-impronta elevata Dok 08BPI301 ma kenitx taqbel ma'l-impronta ta' l-imputat; li l-impronta Dok 08BPI303 ma kellhiex punti karratteristici sufficjenti ai fini ta' ezami komparattiv; u li l-impronta Dok 08BPI302 kellha punti karatteristici sufficjenti ai fini ta' ezami komparattiv u kienet identika mal-marka tas-saba l-kbir ta' id ix-xellugija ta'l-imputat. Din l-impronta (Dok 08BPI302) instabet fuq jewel box li kienet fit-taqlib fil-main bedroom tal-konjugi Magri.

Illi ghandu jigi rilevat li mill-atti ta'l-inkjesta (esebieti f'dawn il-proceduri) jirrizulta li kienu nbdew proceduri penali fil-konfront ta' l-imputat fis-sena 2013 pero, minhabba li sa dak in-nhar ma kenitx ghada rizolta l-kwistjoni ta'l-impronti, f'l-ewwel udjenza mizmuma dawk il-proceduri gew irtirati; din l-udjenza kienet inzammet fil-5 ta' April 2013. Meta nbaghad giet rizolta il-kwistjoni ta'l-impronti regghu gew intavolati proceduri kontra l-imputat

[1] SM Edgar Dalli u PS1238 Clive Brimmer

permezz ta' liema huwa gie akkuzat inter alia b'serq aggrvat, cioe l-proceduri odjerni[2].

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal l-imputat, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, qed jissolleva l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*. Huwa qed jibbaza din l-eccezzjoni propju fuq il-fatt li fis-sena 2013 kienu nbdew proceduri penali kontra tieghu.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li kienu gew intavolati proceduri kontra l-imputat permezz ta' liema kien gie akkuzat b'serq aggravat minn fond 49 Casa Bianca Triq il-Koppla Fgura; jirrizulta ukoll li dawn il-procduri gew irtirati f'l-ewwel udjenza mizmuma. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li permezz ta' dawk il-proceduri (li gew irtirati fil-5 ta' April 2013) l-istess imputat Mark Zahra gie akkuzat b'l-istess reat u in konnessjoni ma' l-istess fatti bhala dawk fil-proceduri odjerni. Il-kwistjoni li trid tigi rizolta hija hekk dan hux sufficjenti biex tirnexxi l-eccezzjoni in ezami, cioe dik dwar *ne bis in idem*.

Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta (il-Kodici Kriminali) jipprovdi li ***wara sentenza***[3] *li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra*. Minn din id-dispozizzjoni huwa car li biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* irid jigi pruvat li l-ewwel proceduri intemmew b'sentenza. Fi kliem il-Professur Sir Anthony Mamo *for the same fact, in respect of which proceedings have already been taken* ***and a judgement given***[4]*, sentencing or acquitting the defendant, it is not lawful to exercise the action a second time*[5].

Illi l-principju ta' *ne bis in idem* jinsab inhaddan mhux biss fil-Kodici Kriminali taghna izda ukoll fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-gurisprudenza, kemm dik tal-Qrati Kriminali kif ukoll dik tal-Qorti Kostituzzjonali, trattat id-differenza fil-mod kif dan il-principju jithaddan f'l-istrumenti hawn imsemmija.

---

[2] Dan jirrizulta mir-rikors ta'l-Ispettur Joseph Mercieca prezentat f'l-atti ta' l-injkesta fil-25 ta' Ottubru 2013 (a fol 93 ta'l-atti odjerni).
[3] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[4] Sottolinear ta' din il-Qorti.
[5] Notes On Criminal Procedure pagna 45.

Illi wahda mis-sentenzi fejn dan il-punt gie trattat b'mod estensiv hija dik mghotija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin, deciza fis-26 ta' Marzu 2009. F'din il-kawza il-Qorti qalet hekk:

> *Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn procediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tistax terga' titressaq mixlija fi proceduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel procediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew procedura ta' reviżjoni tal-ewwel process. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diga' ngħatat maħfra. Tali principju jsib ix-xbieha tiegħu ukoll fil-Kodici Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha; ... ... ...*
>
> *Illi huwa wkoll stabilit li l-principju tan-ne bis in idem imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn process dwar reat, m'għandha qatt terga' tgħaddi minn process ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel process. Dan il-principju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-principju l-ieħor tar-res judicata ... ... ...*
>
> *Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa principju accettat li, bi tħaddim tar-regola tan-ne bis in idem, "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act";... ... ...*
>
> *Illi, min-naħa l-oħra, l-aspett tal-principju tan-ne bis in idem kif applikat taħt il-Konvenzjoni jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diga' accennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaga tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni. L-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, li llum il-gurnata jagħmel bicca mil-ligi ta' Malta,*

*jipprovdi li ħadd ma jista' jigi ipprocessat jew ikkastigat għal darba oħra fi prodediment kriminali taħt il-gurisdizzjoni tal-istess Stat għal xi reat li dwaru jkun gie ipprocessat (kemm jekk ikun inħeles kif ukoll jekk ikun instab ħati) skond il-ligi u l-procedura penali f'dak l-Istat. L-imsemmi artikolu jagħmel eccezzjoni fil-każ li, skond il-ligi u l-procedura penali ta' xi Stat, każ jista' jerga' jinfetaħ jekk ikun hemm provi ta' fatti godda li jkunu għadhom kif irriżultaw, jew jekk fl-ewwel prodediment ikun seħħ xi "vizzju fondamentali", li f'kull każ minnhom jista' jkollhom effett fuq kif jisvolgi l-każ. Ta' min jgħid li l-imsemmi artikolu ma jippermetti l-ebda deroga minn Stat marbut mill-Konvenzjoni; ... ... ...*

*... dak l-artikolu japplika biss dwar procedimenti precedenti li jkollhom it-timbru ta' gudikat. Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deciżjoni titqies bħala gudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deciżjoni;*

*Illi l-principju tan-ne bis in idem jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deciżjoni li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal procedura dwar l-istess reat warajha;*

*Illi huwa stabilit ukoll li l-jedd imħares taħt l-imsemmi artikolu m'huwiex limitat biss għall-ħarsien li persuna ma tinstabx ħatja darbtejn tal-istess reat, imma li l-persuna ma ggarrabx iżjed minn process wieħed dwar dak ir-reat, u għalhekk, l-artikolu jgħodd ukoll fejn persuna tkun diga' tressqet fuq proceduri li jintemmu bla sejbien tal-ħtija tagħha. Dan għaliex dak l-artikolu jigbor fih tliet garanziji differenti minn xulxin, u jigifieri li l-ebda persuna m'għandha (i) tkun suggetta li titressaq, (ii) titressaq jew (iii) tinstab ħatja aktar minn darba tal-istess offiża;... ... ...*

*Illi l-Qorti tifhem li r-regola maħsuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll ma żżommx milli bniedem jitressaq mixli iżjed minn darba dwar xi fatt, jekk dak il-fatt jew dak l-għamil ikun jikkostitwixxi aktar minn reat wieħed. Dak li jipprovdu l-imsemmija artikoli hu li persuna ma tistax titressaq mixlija bl-istess reat li minnu tkun diga' għaddiet proceduri – kemm jekk taħthom instabet ħatja u kemm jekk kienet*

> *inħelset – li jkunu ntemmu b'sentenza li saret gudikat. Għalhekk, il-fatt waħdu li, f'xi cirkostanzi, jista' jkun hemm id-duplikazzjoni ta' procedimenti – l-aspett tal-"bis" – m'għandux ikun il-kejl waħdieni li bih jitqies jekk ikunx hemm tassew ksur tar-regola maħsuba f'dawk l-artikoli;*

Illi johrog car minn din is-sentenza[6] li biex tirnexxi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem*, indipendentment minn jekk din hija imsejsa fuq il-Kodici Kriminali, fuq il-Kostituzzjoni jew fuq il-Konvenzjoni, irid jigi pruvat li l-istess persuna diga ghaddiet process penali shih (irrispettivament minn jekk dak il-process wassalx ghal sejbin ta' htija jew liberatorja) ghall-istess reati jew ghal l-istess fatti, b'mod li issa dik il-kwistjoni, cioe il-htija o meno ta' dik il-persuna ghal reati naxxenti minn l-istess fatti, hija res gudikata.

Illi fil-kaz in ezami dak li jirrizulta mill-atti processwali huwa li gew intavolati proceduri kontra l-imputat ghall-istess reat pero dawn il-proceduri gew irtirati f'l-ewwel udjenza mizmuma. Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jistax jinghad li l-imputat diga ghadda process penali, liema process wassal ghal-sejbin ta' htija jew liberatorja, ghall-istess reat li bih qed jigi mixli bil-proceduri odjerni.

Illi ghal dawn il-motivi l-eccezzjoni ta' *ne bis in idem* qed tigi michuda.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ssolleva ukoll l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ai termini ta'l-artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi dan l-artikolu jipprovdi li l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' **anqas minn erba' snin** u mhux anqas minn sena.

Illi huwa principju ben stabbilit u jirrizulta ukoll mill-istess Kapitolu 9 li *għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena*

[6] U l-gurisprudenza u dottrina fiha kwotati.

*iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva*[7].

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, valur u lok[8]. Il-piena li ghaliha huwa ordinarjament suggett ir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, valur (li jeccedi €2,329.37) u lok hija ta' prigunerija minn hames xhur sa erbgha' snin[9].

Illi ghalhekk l-azzjoni kriminali ghar-reat li bih qed jigi addebietat l-imputat taqa bi preskrizzjoni ma'l-eghluq ta'l-ghaxar snin skond kif provdut f'l-artikolu 688(c) li jirreferi ghal dawk ir-reati li jikkomportaw piena ta' **mhux anqas minn erbgha snin**, u mhux ma'l-eghluq tal-hames snin kif provdut f'l-artikolu 688(d) li jirreferi ghal dawk ir-reati li jikkomportaw piena ta' **anqas minn erbgha snin**.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew fid-19 ta' Lulju 2008; il-proceduri odjerni gew prezentati fit- 2 ta' Gunju 2014 u ghalhekk qabel l-eghluq ta'
l-ghaxar snin imsemmija f'l-artikolu 688(c) tal-Kapitolu 9.

Illi konsegwentement anke din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Ikkunisdrat

Illi fil-mertu m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju, ghaliex jirrizulta ampjament mill-provi processwali, li nhar id-19 ta' Lulju 2008 il-konjugi Magri gew derubati, mir-residenza taghhom, wara li gie sgassat il-bieb ta' barra ta' dik ir-residenza, u li l-valur tar-res furtiva jecceddi €2,329.37.

Illi jirrizulta ukoll li fuq jewel box li nstabet fit-taqlib fil-kamra tas-sodda tal-konjugi Magri giet elevata l-impronta li taqbel mal-marka tas-saba l-kbir ta' id ix-xellugija ta'l-imputat.

---

[7] Ref artikolu 689

[8] L-imputat qed jigi addebietat ukoll bi hsara volontarja pero dan ir-reat ghandu jitqiesbhala mezz ai fini ta'l-ewwel reat ta' serq. L-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva pero b'applikazzjoni ta'l-artikolu 689 kwalunkwe zieda fil-piena li tista tinghata f'kaz ta' htija minhabba recidiva m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni.

[9] Dan ghaliex skond l-artikolu 280 ghandha tinghata l-piena ghal serq aggravat bil-mezz [piena stabbilita f'l-artikolu 278(1) ] mizjuda bi grad skond il-proviso ta'l-artikolu 280(2).

Illi f'l-istqarrija tieghu l-imputat jichad kwalunkwe involviment f'din is-serqa; huwa jghid ukoll li kien hemm okkazjoni meta mar fid-dar tal-konjugi Magri pero li dan kien gara xi tlettin sena qabel.

Illi kif gustament giet rilevat fin-nota ta' sottimissjonijiet ta'l-imputat l-unika prova li tista' torbtu mas-serqa hija dik l-impronta li nstabet fuq il-jewel box. Il-Qorti taqbel ukoll li dik l-impronta digitali hija prova indizjarja. Pero l-Qorti hija taj-fehma li c-cirkostanzi tal-kaz in ezami, u cioe il-post fejn instabet din l-impronta u l-fatt li l-imputat seta' kellu raguni legittima biex jidhol fir-residenza (pero mhux fil-kamra tas-sodda) tal-konjugi Magri f'okkazzjoni wahda biss tlettin sena qabel ma sehhet is-serqa in ezami, jirrendu din li-prova univoka u li twassal ghal konkluzjoni wahda biss, u cioe li kien l-imputat li wettaq is-serqa.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza hsara volontarja fir-residenza tal-konjugi Magri.

Illi mill-atti processwali, u b'mod partikolari l-kostatazzjonijiet li ghamel l-espert nominat f'l-atti ta'l-inkjesta, il-Perit Robert Musumeci, jirrizulta li fis-serqa in ezami sar sgass fil-bieb ta' barra. Dan l-isgass jidher ukoll fir-ritratti li ttiehdu minn espert iehor PC453 Brian Cassar. Ghalkemm l-ammont ta' hsara mhiex kwantifikata, minn dak li jidher mir-ritratti l-Qorti hija konvinta li l-hsara tammonta ghal aktar minn €23.29 pero ma jistax jinghad li tecceddi €116.47. Konsegwentement anke t-tieni imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata b'dan li r-reat issa in ezami ghandu jitiqies bhala mezz ai fini tat-twettieq tar-reat imsemmi f'l-ewwel imputazzjoni.

Illi l-imputat qed jigi addebietat ukoll bi twettieq ta' reat f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiez u bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet gew pprezentati diversi sentenzi:

- dik datata l-1 ta' Frar 2007 permezz ta' liema gie ikkundannat sena prigunerija sospiza ghal tlett snin (Dok JM5 a fol 210); din pero iddahhlet fis-sehh permezz ta' sentenza mghotija fit-3 ta' Lulju 2012.
- Dik datata il-25 ta' Gunju 1999 permezz ta' liema gie ikkndannat sentejn prigunerija sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin (Dok JM2 a fol 193);
- Dik datata l-1 ta' Lulju 1998 permezz ta' liema gie ikkundannat sena prigunerija sospieza ghal perjodu ta' sentejn (Dok JM3 a fol 196); u

- Dik datat l-1 ta’ Gunju 1998 permezz ta’ liema gie ikkndannat sentejn prigunerija sospiezi ghal perjodu ta’ erbgha snin (Dok JM4 a fol 199).

Illi la darba ir-reati odjerni gew kommessi fid-19 ta’ Lulju 2008, gew kommessi fi tlett snin mill-1 ta’ Frar 2007 u ghalhekk fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospieza mghotija dak in-nhar; konsegwentement it-tielet imputazzjoni tirrizulta.

Illi fir-rigward ta’l-ahhar imputazzjoni, dik dwar recidiva, jirrizulta li r-reati odjerni gew kommessi wara l-perjodu ta’ hames snin mill-iskadenza tal-perjodu operativ tas-sentenzi sospiezi fuq imsemmija[10] ghalhekk l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv ai fini ta’l-artikolu 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta pero mhux ai fini ta’l-artikolu.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali refrettarja tieghu; qed tiehu in konisderazzjoni ukoll il-fatt tad-dekors taz-zmien minn meta sehhew ir-reati ghal meta nbdew il-proceduri odjerni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjoni ta’ *ne bis in idem* u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevati mill-imputat, wara li rat l-artikoli 49, 28B, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269, 289 u 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tikkundannah ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ €1613.31 rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta’ esperti[11].

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[10] Is-sentenzi datati 25 ta’ Gunju 1999, 1 ta’ Lulju 1998, u 1 ta’ Gunju 1998 rispettivament.

[11] Fil-fehma tal-Qorti l-imputat m’ghandux ihallas spejjez addizzjonali rezi necessarji minhabba l-inkonsistenzi fil-konkluzzjonijiet ta’l-espert nominat f’l-atti ta’ l-inkjesta ghalhekk l-imputat mhux qed jigi ikkundannat ihallas l-ispejjez tat-tlett esperti nominati biex jergghu jaghmlu l-ezami komparattiv imma qed jigi ikkundannat ihallas biss dawk l-ispejjez li kienu jkunu dovuta kieku ma kienx hemm bzonn in-nomina ulterjuri.